**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum is-26 ta' Settembru 2022**

**IL-PULIZIJA**

**-vs-**

**MIGUEL ZAMMIT**

**(Karta tal-identita' 04898(M))**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Miguel Zammit**, iben Paul u Rita, xebba Mercieca, residenti fil-fond bin-numru 97, Triq San Albert, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' 04898(M) imwieled Pieta nhar l-24 ta' Dicembru 1997, permezz ta' liema jinsab akkuzat talli nhar it-2 t'Ottubru 2021 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07.30hrs) gewwa San Pawl il-Bahar:

1. Ikkacja jew prova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar li huma protetti taht dawn ir-regolamenti cioe' Fjamingi (Flamingos) (Phoenicopterus Roseus) li jinsabu taht Skeda IX jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahta u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin jew

mejtin, jew parti li tista' tingharaf jew derivattivi taghhom cioe' ghasafar li mhux inkluzi fl-Skeda II jew fl-Skeda III cioe' Phoenicopterus Roseus inkluz fl-Skeda IX, u meta dawk l-ghasafar ma kienux jew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien fil-pussess tal-permessi, jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' Kompetenti ghaz-zamma ta' dawk l-ghasafar skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 21 jew ikunu gew impurtati legalment skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a), jew gew mehuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser xi disposizzjonijiet, restrizzjoni jew projbizzjoni imposta minn jew taht ir-rgolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ittanta jzomm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III u cioe' Phoencipterus Roseus (inkluz fi Skeda IX), meta dawk l-ghasafar ma kienx ittiehdu fi stat membru iehor fejn ikun jista jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-direttiv tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(f) u 27(1)(d) tal-AL79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja, jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' Flamingo (Phoenicopterus Roseus) (inkluz fi Sdeda IX), u dan bi ksur tar-regolament 5(1) tal-LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, Phoenicopterus Roseus inkluz fi Skeda IX u dan bi ksur tar-regolament 5(3)(a) tal-LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-corpus delicti cioe' l-armi u l-munizzjon u t-tajr misjuba fil-pussess ta' l-imputat kif ikkontemplat fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra li taghti piena taht ir-regolament 27(2)(a) LS549.42 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-

Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Finalment il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali inkluz id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

(a) FATTI

Illi fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghat-2 t'Ottubru tas-sena 2021 meta fis-sieghat bikrin ta' filghodu l-pulizija giet infurmata li kien hemm persuna fuq il-ponta tal-Qawra vicin ta' Fra Ben,  gewwa San Pawl il-Bahar li ghadu kemm spara u qatel erbgha flamingos. Mix-xhieda mressqa fil-iter processwali odjerni jirrizulta s-segwenti:

**Caldon Mercieca** jghid li fit-2 t'Ottubru tas-sena 2021 huwa kien birdwatching il-Qawra, fil-ponta ta' Fra Ben, precizament taht it-torri ta' Fra Ben. Jghid li huwa wasal hemm fis-7.30 ta' filghodu u li dak il-hin kienet ix-xita. Minhabba x-xita huwa baqgha fil-karozza. Minn fejn kien osserva kaccatur jaqsam direzzjoni lejn il-gzira (Ponta tal-Qawra). Jghid ukoll li l-kaccatur li ra jaqsam kien libes t-shirt car u shorts skur. Kellu ukoll backpack iswed fuq daru u senter f'idejh. Jghid li minn fejn kien setgha jara l-gzira kollha u huwa beda josserva kollox minn tromba 'Swarovski 10-32' li skond ix-xhud ghandha optics tajbin hafna. Jispjega li dakinhar ma kienx hemm ghajjat tal-ghasafar. Jghid li x'hin il-kaccatur qasam fuq il-gzira huwa nehha s-senter mill-ghata tieghu. Mercieca jghid li huwa baqgha kontinwament jhares lejn dan il-kaccatur u jsegwieh bit-tromba. Huwa jaghti deskrizzjoni cara ta' din il-persuna – persuna b'xaghru mqaxxra, jidhru t-tatoos hergin min taht it-t-shirt. Jghid li hu (l-imsemmi kaccatur) biss kien hemm fuq il-gzira u hu biss kien miexi fuq it-tarf. Hekk kif il-kaccatur wasal lejn it-tarf bl-istess tromba x-xhud ra linja ta' hames flamingos gejjin. Skond ix-xhud huma kienu qed itiru ftit 'il fuq mill-bahar gejjin mid-direzzjoni tax-Xlokk u cioe' tal-Coast Road. Mercieca jispjega li f'hin minnhom huwa beda jara l-flaminogs nezlin wiehed wiehed f'temp ta' zewg sekondi. Jispjega li b'kollox niezlu erbgha (ferh u tlett adulti) filwaqt li l-flamingo l-iehor dar u telgha lejn it-Tramuntana. Jispjega li l-hoss tal-isparatura beda jismaghha ftit izjed tard. Jghid li kif rahom

nezlin, dejjem f'linja dritta huwa hares l-isfel u jara senter ippuntat 'il fuq. Il-persuna li kien bis-senter kien l-istess persuna li rah jaqsam u li fi kliemu baqgha jsegwi mill-bidu sal-ahhar. Mercieca jghid li wara nehha t-tromba minn ma ghajnejh u cempel lill-pulizija kif ukoll baghat messagg fuq ic-*chat* tal-*birdwatchers*. Huwa rrealizza li l-karozza tieghu kienet f'punt li hekk kif il-kaccatur ikun gej lura bl-arma kien ser jghaddi minn hdejh u ghaldaqstant reggha saq 'il fuq sabiex isib post adegwat minn fejn setgha jibqa' josserva dak li qed jigri fuq il-gzira. Skond ix-xhud sakemm reggha sab post biex ikompli josserva dak li kien qed jigri kienu lahqu ghaddew xi ghaxar minuti. Jghid li x'hin reggha waqqaf bil-karozza u reggha beda josserva bit-tromba huwa setgha jinnota zewg flamingos adulti fil-bahar. Mercieca jghid ukoll li anke minn hawn setgha jara lill-persuna li spara u li f'dan il-mument kien bla flokk. Reggha rah fuq il-mobile. Ftit wara huwa rah gej lura mill-gzira bil-baskett wara daru u bl-arma izda din id-darba minghajr flokk. Ezatt wara li qasam huwa ltaqa mal-pulizija. Mercieca identifika lil dan il-persuna li rah jaqsam, jispara lejn il-flamingos u jaqsam lura mill-gzira u jigi arrestat mill-pulizija bhala l-qua imputat – Miguel Zammit. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni kemm semgha tiri huwa jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kien hemm sajjieda jew persuni ohra fil-vicinanzi tal-gzira huwa jghid li dakinhar ma kien hemm hadd. Madanakollu in kontro-ezami jispjega li huwa kien qed josserva l-gzira u li setgha kien hemm *birdwatchers* fil-vicinanzi. Jispjega ukoll li fil-fatt kien hemm karozza li go fiha kien hemm persuna li ukoll gie mitkellem mill-pulizija.

**Is-surgent 1380 Edward Xuereb** kkonferma l-okkorenza[1] mhejjija minnu. Jghid li dakinhar tat-2 t'Ottubru tas-sena 2021 ghall-habta tat-tmienja neqsin ghoxrin huwa gie infurmat li fiz-zona ta' taht il-Fra Ben, il-Qawra, Malta, kien hemm kaccatur li spara u qatel erbgha flamingos. Il-persuna li cemplet lill-pulizija kien Caldron Mercieca, li anke ta d-dettalji tieghu lill-pulizija u infurmahom li huwa setgha jiddentifika lill-persuna li spara fuq l-imsemmi tajr. In segwietu ghal dan ir-rapport huwa mar immedjatament fuq il-post imsemmi fejn ghall-habta tat-tmienja u nofs beda riesaq lejhom persuna minghajr flokk bil-mixi minn fuq il-gzira. Hekk kif wasal Xuereb infurmah li kien ser jigi mitkellem rigward attivita' illegali ta' kacca, gie arrestat u mghoti d-drittijiet tieghu, inkluz id-dritt ghall-assistenza legali. Huwa dak il-hin irrifjuta d-dritt tal-assistenza legali, ffirma dikjarazzjoni in sostenn ta' dan[2] u sostna li ma kienx hu il-persuna li spara fuq il-flamingos ghalkemm rahom itiru. Is-surgent eleva minghand il-qua imputat – senter tal-ghamla Benelli bin-numru tas-serje 0503E0284312; erbgha u tlettin skartocc go cintorin wiehed u hdax-il skartocc u mobile tal-ghamla Samsung.

[1] Fol. 19 tal-atti processwali.
[2] Ara Dok. EX (fol. 18 tal-atti processwali)

Is-surgent Xuereb spjega ukoll li ntalbet l-ghajnuna tal-Forzi Armati ta' Malta li min-naha taghhom baghtu dghajsa bi tlett membri tal-ekwipagg u dan bil-ghan li jigu rkuprati l-karkasi tal-flamingos minn fuq il-bahar. Xuereb jispjega ukoll li l-pulizija kellmet ukoll lil certu Paul Cauchi kif ukoll ghamlitlu tfittxija izda din irrizultat fin-negattiv. Jghid li dan sar ghax ir-rapport kien jindika li l-vettura tas-Sur Cauchi bin-numru tar-registrazzjoni IBD329 Mitsubishi setghet kienet relevanti ghall-investigazzjonijiet. Xuereb jikkonferma, anke fil-kontro-ezami li Cauchi fl-ebda hin ma gie osservat fuq il-gzira. In kontro-ezami, s-surgent Xuereb ikkonferma li tkellem ma Mauro Zammit li gie fuq il-post wara li wasslu huma permezz ta' vettura. Fil-fatt huwa kkonferma li Mauro Zammit ma kienx hemm ghall-kacca.

**PC572 Antoine D'Amato u PC16 Emanuel Zammit** spjegaw li huma kienu gew mitluba ghall-assistenza mis-Surgent Xuereb fl-inhawi tal-Ponta tal-Qawra fejn Fra Ben. Jghidu li meta waslu fuq il-post kien hemm il-qua imputat arrestat. Jikkonfermaw li huma gabru tlett karkasi tat-tajr minghand il-Forzi Armati ta' Malta (Brigadier Bumbardier Buttigieg). Sussegwentament huma hadu l-karkasi ghand il-Vetcare fejn Dr. Kovacs hadet X-Rays tal-istess karkasi.

**PC349 Daniel Caruana** kkonferma li huwa kien prezenti waqt li s-Surgent arresta lill-qua imputat. Sussegwentament huwa kien prezenti waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat mill-ispettur Elliot Magro. Jghid ukoll li wara dan kien prezenti waqt li l-ufficjali tal-ERA kienu qed jezaminaw it-tajr.

**L-ispettur Elliot Magro** xehed dwar l-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija fit-totalita' taghhom. Jibda billi jghid li nhar it-2 t'Ottubru ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, l-pulizija rcevew informazzjoni minghand il-Bird Life li kien hemm persuna fuq il-ponta tal-Qawra vicin ta' Fra Ben gewwa San Pawl il-Baharli kien ghadu kemm spara u qatel erbgha flamingos. L-ispettur Magro kkomunika immedjatament mas-Surgent Xuereb li min-naha tieghu infurmah mal-ewwel li kien sejjer fuq il-post. Jghid li minn fuq il-post is-Surgent cempillu u infurmah li ghalkemm kien hemm diffikulta sabiex jaqsmu fuq il-gzira, huwa setgha josserva persuna fuq l-istess gzira. L-ispettur Magro jghid ukoll li huwa gie infurmat mill-membri tal-Birdlife li ftit tal-hin qabel dan il-persuna kien qabez il-bahar prezumbilment sabiex igib il-karkassi tal-flamingos madanakollu ma kien gabar xejn. L-ispettur Magro jispjega ukoll li hekk kif wasal lura mill-gzira huwa gie arrestat mill-pulizija u mghoti d-drittijiet tieghu. Dak il-hin huwa stqarr mal-pulizija li kien ghall-kacca, li kien ra lil flamingos izda ma kienx spara fuqhom. Jghid li fil-vettura ta' Zammit ma nstab xejn irregolari filwaqt li giet elevata l-arma. L-ispettur spjega ukoll li Stefan Azzopardi, ufficcjal tal-ERA, flimkien ma voluntier tar-Red Cross offrew jaqsmu bl-ghawm lejn il-

gsira sabiex jaghmlu tfittxija fuq il-gzira specifikament ghall-karkassi ta' tjur izda din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Spjega ukoll li l-armata gabret tlett karkassi mill-bahar fejn wara gew mghoddija ghand il-Vetcare. Wara li ngabu minghand il-Vetcare l-istess karkassi gew mghoddija ukoll lill-ERA ghall-ezami min-naha taghhom.

L-ispettur Magro jispjega ukoll li fil-kors tal-investgazzjonijiet l-imputat irrillaxxa stqarrija fil-prezenza tal-avukat ta' fiducja tieghu Dr. Miruzzi. Din l-istqarrija ttiehdet fit-2 t'Ottubru 2021 fil-prezenza ukoll ta' PC349 Daniel Caruana. F'din l-istqarrija l-qua imputat ikkonferma li huwa kien wahdu ghall-kacca fuq il-ponta tal-Qawra vicin ta' Fra Ben dakinhar stess filghodu ghall-habta tas-7.30am. Jghid li huwa spara ghal shovelers. Jghid li dakinhar kien libes shorts griz u flokk kannella. Jikkonferma ukoll li kien hemm hinijiet li fihom kien b'zaqqu barra. Huwa jinnega li spara jew nizel il-bahar ghall-flamingos madanakollu jikkonferma li nizel il-bahar ghal shovelers. Jghid ukoll li huwa cempel lill-huh sabex jinfurmah li qatel shoveler. Fl-istqarrija Zammit jispjega ukoll li waqt li kien qed jghum ra dghajsa bajda bejn il-Qawra u tas-safra. Jallega li setgha kien persuna fuq din id-dghajsa li spara fuq il-flamingos. Jghid ukoll li gie kollox bl-ezatt mas-shovelers.

In kontro-ezami, l-ispettur ikkonferma li ma marx fuq il-post u li huwa kien qed jikkomunika kontinwament mal-pulizija li kien hemm fuq il-post. Spjega ukoll li l-komunikazzjoni mal-Birdlife saret ma Nicholas Barbara. Testijiet fuq is-senter ta' Paul Cachia u Miguel Zammit jghid li ma sarux. Jikkonferma li l-filmat esebit minn Nicholas Barbara ma giex muri lill-qua imputat waqt l-interrogazzjoni izda jghid ukoll li f'dak l-istadju lanqas ma kien fil-pussess tieghu. Jghid li lil Caldron Mercieca huwa ma kellmux. Jghid li d-decoys imsemmija fix-xhieda ta' Stefan Azzopardi baqghu ma gewx elevati mill-pulizija. Jikkonferma li mill-investigazzjonijiet tieghu dejjem irrizulta li kien hemm persuna wahda fuq il-gzira – il-qua imputat. Rigward Mauro Zammit, l-ispettur jghid li huwa gie infurmat li huwa wasal fuq il-post wara li wasslu fuq il-post il-pulizija. Jghid ukoll li huwa fl-investigazzjonijiet tieghu ma kellu qatt raguni ghaliex jibghat ghal Mauro Zammit. Jghid li meta ezamina l-mobile tal-qua imputat irrizulta li l-imputat ghamel komunikazzjoni ma Mauro Zammit izda ma jiftakarx jekk kienx hemm kommunikazzjoni bejn il-qua imputat u Paul Cachia.

**PS419 Anton Buttigieg** xehed dwar dak li osserva hu hekk kif wasal fuq il-post wara li l-pulizija rcevew l-informazzjoni li kienu ghadhom kif gew sparati xi tiri fuq flamingos. Huwa spjega ukoll minn fejn raw lil Miguel Zammit gej – mill-gzira maghrufa bhala l-Ponta tal-Qawra.

**Dr. Eurydike Kovacs** spjegat li hija giet mghoddija tlett flamingos sabiex tikkonferma li huma mejta u biex mietu. Hija kkonfermat li dawn il-flamingos kienu mejta u li l-kawza tal-mewt kienet 'gun shot injury'.

**Nicholas Barbara**, rapprezentant tal-Birdlife, jispjega li huwa jifforma parti minn chat bejn diversi bird watchers. Jispjega li dakinhar rcieva messagg li kien them qatgha ta' flamingos 'l barra mill-Ghadira s-Safra li hija gzira 'l barra minnaha tal-Maghtab. Madanakollu, ftit minuti wara huwa rcieva l-messagg minghand Caldron Mercieca li jghid li kien hemm persuna li spara fuq l-istess flamingos fl-inhawi tal-Qawra. Barbara jispjega li dak il-hin huwa qabad l-apparat li kellu u saq lejn l-inhawi ta' Fra Ben. X'hin wasal fuq il-post ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart beda jiffilmja. Huwa prezenta numru ta' screenshots li ttiehdu mill-istess filmat. Ix-xhud jikkonferma li fuq il-gzira kien hemm biss il-qua imputat.

**Is-surgent Anthony Bugeja** fi hdan il-Forzi Armati ta' Malta, spjega li nhar it-2 t'Ottubru huma rcevew telefonata li kien hemm kaccatur li ghadu kif spara fuq il-flamingos u intalbu sabiex jigbru l-karkassi minn gol-bahar. Huma marru bil-PO6 u gabru tlett karkassi. Sussegwentament dawn il-karkassi gew mghoddija lill-pulizija.

**Stefan Azzopardi,** li jahdem fl-enforcement section fi hdan l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi, spjega li fit-2 t'Ottubru 2021 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu kien gie infurmat li kien hemm xi flamingos li kienu qorbu lejn l-art fl-area tas-Safra. In kontro-ezami huwa jikkonferma li din l-informazzjoni rcevieha minghand kollega tieghu. Huwa jghid li wasal fuq il-post ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu. Huwa offra l-assistenza tieghu lill-pulizija u gham ghall-fuq il-gzira biex jipprova jsib ir-raba' karkassa ta' flamingo. Huwa sab minnflok xi decoys tal-borok u oggetti ohra relatati mal-kacca. Huwa qasam lura u informa b'dan lill-pulizija. Azzopardi jispjega li iktar tard matul il-gurnata huwa intalab mill-manager tieghu Stanley Gatt sabiex jassisti fl-ezami tal-karkassi tal-flamingos elevati.

**Stanley Gatt,** Team Manager fi hdan l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi spjega li nhar it-2 t'Ottubru 2021 huwa ntalab mill-pulizija sabiex jezamina t-tlett karkassi ta' flamingos. Huwa flimkien ma Stefan Azzopardi marru l-ufficini tal-EPU. Minn ezami fuq dawn il-karkassi huma la sabu close ringing u lanqas microchips. Wiehed minnhom kien ferh filwaqt li t-tnejn l-ohra kienu adulti. Mill-atti processwali jirrizulta li l-abbli difensur attakka xhieda mghotija minn dan ix-xhud galadarba ma kienx mahtur bhala espert a tenur tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. Illi f'dan ir-rigward ghal kull bon fini din il-Qorti tirrileva li Stanley Gatt ilu jahdem ghal diversi snin bhala ufficjal ta' infurzar fi hdan l-Awtorita tal-

Ambjent u r-Rizorsi. Huwa xehed dwar dak li huwa hu konsapevoli tieghu minhabba l-impjieg tieghu. F'dan ir-rigward in il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell mghotija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat[3] u il-Pulizija vs. Omissis[4]. Minn qari tax-xhieda ta' Gatt ma jirrizultax li kien hemm xi haga li dwarha kienet mehtiega opinjoni u dan ghaliex huwa car, anke mir-ritratti esebiti li t-tajr ikkaccjati kienu flamingos u li dawn inqatlu b'tiri ta' senter. Madanakollu, in oltre ghalhekk, jinghad ukoll li l-materja li xehed dwarha kienet taqa fil-limiti ta' kompetenza tieghu (anke bhala impjieg). Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm il-htiega ta' espert tekniku ai termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali.

**Paul Cauchi** xehed li fit-2 t'Ottubru 2021 huwa mar b'mod regolari ghall-kacca l-Qawra, madanakollu billi kienet niezla hafna xita jghid li baqgha fil-van sakemm gew il-pulizija u ghamlulu tfittxija. In kontroezami huwa mmarka fejn kien fuq l-aerial photo esebit.

**PS1194 Christopher DeBrincat** xehed dwar it-tfittxija li saret fuq Paul Cauchi u l-arrest tal-qua imputat wara li gie minn fuq il-gzira.

**Brandon Pisani** ipprezenta l-istqarrija stampa rrillaxata mill-pulizija in konnessjoni mal-proceduri odjerni. **Leanne Rapinett**, in rapprezentanza tal-MET Office, xehdet in difesa dwar il-kundizzjoni tat-temp dakinhar.

**Emeriziana Agius,** in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali esebit sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront ta' Mauro Zammit.

Fuq talba tad-difiza gie mahtur **PC1525 Patrick Farrugia** bil-ghan li jezamina l-arma esebita u elevata minn fuq il-qua imputat. Farrugia kkonkluda:

> *"Id-dokument 22AHJ 201 (QMS 127/21/A), arma tan-nar tal-marka Benelli bin-numru 05-03-E02843-12) huwa mghammar b'reducer gewwa l-magazzin u tirristringi lit-tiratur milli jdahhal izjed minn zewg skratac.*
>
> *L-istess reducer jista facilment jinqala minn gewwa il-magazzin billi tinqala l-foregrip mit-tapp li jzommu postu flimkien mal-kanna, jingibed il-barra u jigi eskluz. B'hekk il-kapacita' tal-magazzin tizdied ghall-erba' skratac minn 2."*

[3] 17.10.2013
[4] 28.9.2021

**Dr. Veronica Spiteri** fuq talba tad-difiza ghamlet traskrizzjoni tal-konversazzjoni li kien hemm fuq is-CD esebiet minn Nicholas Barbara.

(a) LOK INDIKAT FIC-CITAZZJONI

B'mod preliminari fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur isostni li l-qua imputat ma jistgha qatt jinsab hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedottfic-citazzjoni galadarba bhala lok l-istess citazzjoni tindika 'San Pawl il-Bahar' meta x-xhieda kollha ghajr ghall-ispettur Magro jindikaw fix-xhieda taghhom il-Ponta tal-Qawra. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat ma ghandux ragun f'dan ir-rigward. Il-Ponta tal-Qawra huwa post fi hdan il-lokalita' ta' San Pawl il-Bahar. Dan jistgha anke jigi vverifikat mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali, minn fejn jirrizulta car li l-lokalita' ta' San Pawl il-Bahar tinkludi il-Ponta tal-Qawra. Ghaldaqstant il-lok indikat fic-citazzjoni ikopri il-Ponta tal-Qawra li xehdu dwarha d-diversi xhieda prodotti f'din il-kawza.

(b) IDENTIFIKAZZJONI

Illi fir-rigward tal-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok irid necessarjament jigi determinat jekk il-qua imputat - Miguel Zammit kienx il-persuna li spara fuq il-flamingos jew le. Id-difiza qed tikkontesta bis-sahha kollha li l-persuna li sparat fuq il-flamingos kien il-qua imputat.

Jibda biex jinghad li l-qua imputat fl-istqarrija rrillaxata minnu fl-ebda hin ma kkontesta li f'dak il-hin li nqatlu l-flamingos huwa kien fuq il-Ponta tal-Qawra. Fil-fatt huwa jghid li huwa ra il-flamingos u jikkonferma li kien hemm hames flamingos. Madanakollu jinnega li kien spara fuqhom hu. Fl-istqarrija tieghu, Zammit jghid ukoll li waqt li kien qed jghum kien ra dghajsa bajda bejn il-Qawra u tas-Safra. Sussegwentament ikompli jghid:

> *"... Ma jmurx li min kien fuq id-dghajsa spara hu imbaghad nehel jien. Ghax gie kollox bl-ezatt mas-shovelers."*

Fl-istqarrija tieghu l-qua imputat fl-ebda hin ma allega li kien hemm persuna ohra fuq il-gzira/Ponta tal-Qawra. Dak li huwa allega huwa li kien hemm dghajsa. In oltre, Zammit fl-ebda hin ma jghid li kien dan il-persuna fuq id-dghajsa li sparalhom jew li kien fil-pussess t'arma izda jghid li <u>setgha</u> kien dan il-persuna fuq id-dghajsa.

Caldron Mercieca li huwa x-xhud okulari prodott mill-prosekuzzjoni jghid li dakinhar tat-2 t'Ottubru 2021 mar f'dawk l-inhawi ghall-*birdwatching*. Jispjega

li hekk kif wasal huwa osserva persuna b'senter taqsam ghall-ponta tal-Qawra. Dan il-persuna huwa identifikah bhala l-qua imputat. Jghid li dakinhar, ma kienx hemm wisq attivita. Jghid li huwa baqgha josserva lil dan il-persuna anke wara li qasam u anke bl-uzu tat-tromba. Ghal diversi drabi huwa kkonferma bil-gurament li minn fejn kien setgha jara l-gzira/il-Ponta tal-Qawra kollha u ma kien hemm hadd fuqha hlief il-qua imputat. Sussegwentament jghid li osserva linja ta' hames flamingos gejjin. Miguel Zammit fl-istqarrija tieghu ukoll jikkonferma li ra hames flamingos. Mercieca jispjega li dawn kienu qed itiru ftit 'il fuq mill-bahar. Jghid ukoll li f'daqqa wahda, f'temp ta' zewg sekondi, beda jara l-flamingos nezlin. Jghid li huwa ra erbgha (tlett adulti u ferh) jinzlu filwaqt li flamingo iehor biddel id-direzzjoni u tar lejn it-tramuntana. Jghid li kif ra l-flamingos nezlin huwa hares l-isfel fejn kien il-kaccatur u rah bis-senter ippuntat fid-direzzjoni taghhom. Dan kollu l-imputat osservah bit-tromba. Jghid ukoll li wara dan kollu huwa nehha t-tromba sabiex icempel lill-pulizija.

Min dan il-mument, hemm ftit mumenti li hadd ma jitfa dawl fuqhom. Madanakollu immedjatament ftit minuti wara, l-kaccatur in kwistjoni jerggha jibda jigi osservat mill-istess Caldron Mercieca kif ukoll minn Nicholas Barbara. Nicholas Barbara beda jigbed ukoll filmat ta' dak kollu li kien qed josserva. Mill-filmat mehud minn Nicholas Barbara jirrizulta li l-istess Barbara beda jaghraf lill-kaccatur bhala 'Miguel' ghax fil-filmat jinstemgha jiddentifikah b'dan il-mod. Mill-filmat jirrizulta li l-kaccatur in kwistjoni nizel fil-bahar. Miguel Zammit jikkonferma li huwa nizel jghum. Julian Mula ukoll ikkonferma li Zammit niezel jghum u kien inkwetat ghalih habba it-temp. Jinghad ukoll li mill-filmat u l-istill images li nhargu mill-istess filmat jirrizulta car li kien hemm persuna wahda fuq il-ponta tal-Qawra madanakollu din il-persuna ma tingharafx. L-iktar li wiehed jista jikkonkludi huwa li l-istatura ta' dan il-persuna hija simili ghal dak tal-imputat. Madanakollu indubbjament mill-istess filmat ma jistghax jinghad li l-persuna fuq il-ponta tal-Qawra huwa l-qua imputat. Huwa minnu li dan il-persuna kellu tatoos f'idejh hekk kif ghandu Zammit madanakollu din ma twassal imkien lanqas galadarba hawn diversi persuni li ghandhom it-tatoos f'idejhom. Fl-istess mumenti wasslu l-pulizija ukoll fuq il-post, fil-fatt il-pulizija sahansitra jidhru fil-filmat mehud minn Barbara. Fix-xhieda taghhom l-ufficjali kollha tal-pulizija kkonfermaw li huma osservaw persuna wahda fuq il-ponta tal-Qawra li giet arrestata hekk kif qasmet lura. Mix-xhieda ta' Stefan Azzopardi jirrizulta li propju f'dawn il-mumenti huwa flimkien ma voluntier iehor offra li jaqsam ghal fuq il-Ponta tal-Qawra sabiex jaghmlu tfittxija ghall-flamingo. Azzopardi xehed dwar l-oggetti li sab izda fl-ebda hin ma rraporta li kien hemm persuna ohra fuq il-Ponta tal-Qawra. Hadd mix-xhieda ma osserva dghajsa filwaqt li mix-xhieda

jirrizulta car li dakinhar it-temp ma kienx wiehed favorevoli tant li kienet niezla xhieda.

Fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda ta' Caldron Mercieca hija wahda verosimili u ghandha mis-sewwa. Huwa xehed b'dettal kbir u bi precizzjoni kbira. Fil-mumenti li ma kienx qed josserva lill-kaccatur huwa ma ddejjaqx jghid dan. Ma ddejjaqx jghid li ma semghax decoys. Dak li xehed hu sostanzjat bi provi ohra fi istanzi anke bl-istqarrija stess tal-imputat. Perezempju Mercieca jghid li ra linja ta' hames flamingos. Dan hu kkonfermat mill-imputat stess fl-istqarrija tieghu u jghid li huwa ukoll ra hames flamingos. Mercieca stqarr li ra karkassi fl-ilma tal-flamingos, dawn gie kkonfermat bix-xhieda tal-membru tal-Forzi tal-Armati li kkonferma li gabar karkassi tal-flamingos mill-bahar mill-bahar. Jghid li wiehed mill-flamingos kien ghadu ferh u li dan li ferh intlaqat ukoll. Dan gie kkonfermat minn Stanley Gatt li wara li ezamina l-karkassi tal-flamingos elevati kkonferma li wiehed minnhom kien ghadu ferh. L-abbli avukat difensur jataka l-kredibilita' ta' Mercieca ghaliex ma kienx f'posizzjoni li jghid kemm semgha tiri jigu sparati. Dan fil-fehma tal-Qorti ma jnaqqas xejn mill-kredibilita' ta' Mercieca. Kien ikun facli ghax-xhud jghid li semgha erba' tiri galadarba ra erba' flamingos jinzlu fil-bahar. Madanakollu x-xhud kien preciz fix-xhieda tieghu. Xehed dwar dak li ra. Meta gie ghat-tiri huwa qal li dawn bdew jinstemghu ftit wara li jara flamingo niezel. Din ghandha mis-sewwa u isib il-bazi taghha fir-regoli tax-xjenza. Di piu' huwa qal immedjatament u baqgha jikkonferma, anke meta mistoqsi in kontroezami, li ma tax kaz in-numru ta' tiri li gew sparati. Mhux l-istess jistgha jinghad ghal dak li stqarr l-imputat mal-pulizija. L-imputat jikkonferma li ra l-flamingos izda fl-ebda hin ma jispjega x'garalhom, anke jekk huwa car li l-fatti tal-kaz odjern sehhew f'qasir zmien. Huwa fl-ebda hin ma jghid li ra lil dawn il-flamingos nezlin. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandux mis-sewwa tenut kont li Zammit huwa kaccatur u ghaldaqstant l-ghasafar huma ta' interess ghalih daqs kemm huma ghall-birdwatchers kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-flamingos huma ghasafar kbar, unici u mhux daqstant frekwenti f'pajjizna. Fl-ahhar net jinghad ukoll li Zammit jispjega li kien hemm dghajsa fil-vicinanzi u li l-persuna li kienet fuq l-istess dghajsa setghet sparat hi fuq il-flamingos. Fl-ewwel lok jinghad li meta ta din il-verzjoni huwa kien qed jitkellem b'mod ipotetiku u iktar importanti minn hekk din dghajsa msemmija minn Zammit hadd izjed ma ra. Din il-Qorti tosserva li Mercieca adirittura setgha jinnota l-karkassi fil-bahar izda fl-ebda hin ma qal li kien hemm dghajsa ohra. L-istess Barbara, Azzopardi u l-ufficjali tal-pulizija. Minflokk dawn kollha jiddikjaraw li raw lil Zammit biss fuq il-Ponta tal-Qawra. F'dan ir-rigward, f'numru ta' kontro-ezamijiet issir referenza ukoll ghal Paul Cachia li kien fil-vettura tieghu fl-inhawi. Madanakollu ghal darba ohra x-xhieda kollha li raw lil Cachia jikkonfermaw li huwa kien u baqgha

fil-vettura tieghu. Dan kollu jnaqqas il-kredibbilita' tal-imputat fil-verzjoni li huwa ta lill-pulizija.

L-imputat fis-sottomissjonijiet maghmula jallega bias fil-konfront tieghu. Huwa adirittura ezebixxa siltiet minn gazzetti li juru li l-Birdlife kienu qed jinsistu il-Ponta tal-Qawra ssir rizerva naturali. Din il-Qorti ma hijiex ser tintilef f'dawn l-allegazzjonijiet mhux pruvati. Huwa minnu li membri tal-Birdlife jista' jkun ghandhom l-interessi taghhom hekk kif bla dubbju ghandhom il-kaccaturi. Madanakollu dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-fatti tal-proceduri odjerni. Ma huwiex ikkontestat li ghaddiet linja ta' hames flamingos. Lanqas ma huwa kkontestat li bla dubbju tlieta (galadarba gew elevati tlett karkassi) minnhom inqatlu. Il-membri tal-birdlife li kienu prezenti offrew l-ghajnuna taghhom lill-pulizija bil-ghan li jigi identifikat il-persuna responsabbli (u mhux kwalunkwe persuna). Dan l-interess ma jfissirx li hemm xi bias personali kontra l-imputat mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni. Anzi, dan huwa dak li huwa mistenni minn cittadin li josserva ksur tal-ligi b'mod flagranti.

Hekk kif inghad iktar qabel f'din is-sentenza, Caldron Mercieca, fix-xhieda tieghu identifika lill-qua imputat Miguel Zammit bhala l-persuna li qasam ghal fuq il-Ponta tal-Qawra u spara fuq il-flamingos. Din l-identifikazzjoni saret fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Ghaldaqstant din il-Qorti trid tiddetermina l-piz probatorju li ghandha taghti l-identifikazzjoni maghmula minn Caldron Mercieca waqt ix-xhieda tieghu. Dwar *dock identification* l-Archbold jghid:

> *Dock identifications are not inadmissible but when considering whether to exercise its discretion to admit such evidence the court should consider whether there is a good reason why an identification procedure did not take place—there being procedures which can take place where the suspect is not willing to participate in a formal identification parade. Where such evidence is admitted the court should remember the dangers of relying on such evidence, that (if the defendant was denied the advantage of participating in an identification procedure) the defendant has been disadvantaged by not participating in an identification procedure and that an identification witness may assume that the person in the dock is the person who committed the offence.*[5]

F'diversi sentenzi il-Qrati Maltin rritenew li meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir

---

[5] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018 Pg 654

b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod konsistenti segwew bhala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliza fil-kaz R vs. Turnbull[6].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken*

[6] Court of appeal 1977 – QB244

*identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti tosserva li Caldron Mercieca ikkonferma diversi drabi quddiem din l-istess Qorti li Miguel Zammit kien il-persuna li huwa ra jaqsam lejn il-Ponta tal-Qawra kif ukoll il-persuna li kellu s-senter ippuntat meta huwa osserva l-flamingos nezlin. Din l-identifikazzjoni giet ikkonfermata anke wara li l-abbli difensur ipprezenta numru ta' ritratti b'zewgt irgiel li anke l-ispettur fix-xhieda tieghu kkonferma li jixbhu sew. Dawn kienu r-ritratti tal-ahwa Miguel (qua imputat) u Mauro Zammit. Jirrizulta li Mercieca osserva lil dan il-persuna ghal diversi minuti. Dan ghamlu bl-ghajnuna tat-tromba. Irid jinghad li din il-Qorti ha tiehu ukoll konjizzjoni tal-fatt li l-istess Mercieca kien kapaci jiddentifika l-fatt li kien hemm ferh fost il-hames flamingos – xi haga li giet ikkonfermata anke minn Stanley Gatt wara li ezamina l-flamingos u li anke tista' tigi kkonfermata mir-ritratti tal-karkassi. Din il-Qorti qed tqis dan il-fattur, ghaliex jindika li Mercieca kellu vizwali tajba ta' xi haga izghar minn figura ta' bniedem u li Mercieca rnexxielu jirrikonoxxi ferh minkejja li l-istess flamingo gie osservat fuq perjodu ta' hin ferm inqas minn dak li gie osservat il-kaccatur in kwistjoni. Fl-ahhar net din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li ntqal izjed qabel f'din is-sentenza rigwardanti xhieda ta' Caldron Mercieca fis-sens li din hija wahda li ghandha mis-sewwa.

Jinghad ukoll li l-identifikazzjoni tal-kacattur ma tistriehx biss fuq l-identifikazzjoni ta' Caldron Mercieca fl-awla tal-Qorti. Mill-atti processwali u l-provi mressqa jirrizulta car li l-qua imputat kien l-unika persuna bis-senter fuq il-Ponta tal-Qawra fil-mument li gew sparati t-tiri fuq il-flamingos u dan hekk kif gie spjegat aktar qabel f'din is-sentenza. Dan gie ikkonfermat mhux biss minn Caldron Mercieca, izda anke mix-xhieda ta' Nicholas Barbara u l-ufficjali tal-pulizija hekk kif intqal izjed 'il fuq f'din is-sentenza. L-ufficjali tal-pulizija arrestaw u identifikaw lill-imputat immedjatament hekk kif huwa qasam lura mill-Ponta tal-Qawra.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li fl-assjem tal-provi pprezentati jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien il-persuna li effettivament spara u qatel il-flamingos in kwistjoni.

(c) KUNSIDERAZZJONIJIET RIGWARD L-IMPUTAZZJONIJIET MIGJUBA KONTRA L-IMPUTAT

<u>L-ewwel, r-raba' u l-hames imputazzjoni imputazzjoni</u>

Illi hekk kif nghad izjed 'il fuq, il-qua imputat gie osservat minn Caldron Mercieca bis-senter ippuntat lejn qatgha ta' hames flamingos waqt li minn tal-

inqas tlett flamingos dehru nezlin. Il-karkassi ta' dawn il-flamingos instabu fil-bahar u gew elevati. Fattwalment jirrizulta li l-istess flamingos inqatlu b'tir ta' senter li mic-cirkostanzi hekk kif jirrizultaw pruvati setghu jigu sparati biss mill-qua imputat (fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula qabel f'din is-sentenza). Jirrizulta ukoll ex lege li l-Flaminogs huma protetti taht Skeda IX, ma humiex skedati that Skeda II u li fiz-zmien tal-imputazzjonijiet odjerni ma kien hemm l-ebda deroga fit-termini tar-regolament 9 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 applikabbli. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-imputazzjonijiet gew sodisfacentament ippruvati.

<u>It-Tieni imputazzjoni</u>

Illi din l-imputazzjoni necessarjament tirrikjedi li l-imputat ikollu l-pussess jew kontroll jew xort'ohra jzomm l-ghasafar in kwistjoni. Mill-provi mressqa ma jirrizultax li Zammit qatt kien fil-pussess, kellu kontroll jew altrimenti zamm il-flamingos. Konsegwentament ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni;

<u>It-Tielet imputazzjoni</u>

Illi in kwantu ghal din l-imputazzjoni mill-provi mressqa jirrizulta li l-qua imputat f'istanzi minnhom qabez il-bahar u dan wara li spara fuq il-flamingos u waqt li Caldron Mercieca kien qed josserva l-karkassi tal-flamingos fil-bahar. Ghalkemm jezisti suspett li l-qua imputat qabez il-bahar sabiex jigbor dawn il-karkassi, ma tezisti l-ebda prova cara sal-grad rikjest mil-ligi li dik kienet il-vera raguni l-ghaliex Zammit qabez il-bahar. Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi, Zammit ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

(d) PIENA

It-tielet proviso tas-sub-regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 li jistipula:

> *Iżda wkoll minkejja dak provdut f'dan is-subregolament, kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar inklużi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, iżda mhux inklużifl-Iskeda II, teħel meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal żmien sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa skont dawn ir-regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti;*

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis il-fedina penali tal-imputat fejn mhux tali ma ghandhiex precedenti rigwardanti kacca izda adirittura hija wahda kwazi netta ghajr ghall-kontravenzjoni. Madanakollu din il-Qorti hija obbligata li tqis ukoll ic-cirkostanzi ferm gravi tal-imputazzjonijiet li taghhom ser jinsab hati.

F'dan ir-rigward, fuq talba tad-difiza saret referenza ghall-IUCN Red List of Threatened Species li tikklassifika l-ispeci ta' Phoenicopterus Roseus bhala speci of 'least concern'. Dan fil-fehma tal-Qorti, meta tqis il-fatti speci partikolari ta' dan il-kaz, ma jnaqqas xejn mill-gravita' tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u cirkostanzi tal-istess. L-imputat ghazel li jispara fuq qatgha ta' flamingos li huma ghasafar protetti u skedati taht Skeda IX. L-imputat bla hniena u minghajr l-ebda raguni spjegabbli spara fuq iktar minn flamingo wiehed. B'hekk huwa car li dan sar biss b'intendiment li joqtol l-istess tajr.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed irid japprezza li l-ambjent ma huwa ta' hadd izda huwa ta' kulhadd u ghaldaqstant huwa essenzjali li dan jigi mharres. Il-kacca ma hijiex eccezzjoni ghal dan il-principju. Ghalkemm huwa minnu li jidher li din l-ispeci ta tajr s'issa ma hijiex f'periklu ta' estinzjoni hekk kif pruvat mid-difiza, dan ma ghandhux ikun ta' gustifikazzjoni ghall-ebda persuna li taqbad u tispara bla hniena fuq iktar minn tajra wahda tal-istess speci protetta. Jinghad ukoll li rrispettivament minn din il-lista mahruga mill-IUCN, il-legislazzjoni Maltija tati protezzjoni gholja lil dan l-ispeci ta' tajr anke fid-dawl tar-realta ta' Malta fejn dan it-tajr ghalkemm f'istanzi jkun prezenti f'pajjizna ma huwiex daqshekk komuni. Dan l-agir, fejn kif gia nghad f'temp ta' ftit hin il-qua imputat spara fuq izjed minn tajra wahda skedata taht Skeda IX, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa tali li jimmerita biss piena ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti, wara li rat ir-regolament 4(1)(a); 5(1) u (3) kif ukoll ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed issib lil qua imputat Miguel Zammit mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni izda hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjoni. Konsegwentament, din il-Qorti qed tikkundana lill-istess Miguel Zammit ghall-piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' sena.

Il-Qorti qed tordna ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa f'isem il-hati, Miguel Zammit, skont dawn ir-regolamenti u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Fit-termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, din il-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz tal-arma elevata u formalment esebita fl-atti processwali odjerni.

Fl-ahhar net a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Miguel Zammit sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett xhur millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur